MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Avviz Numru. 1168/1997/1

**Korporazzjoni Telemalta u skond digriet moghti minn din il-Qorti fid-29 ta' Jannar 1998, is-socjeta Maltacom p.l.c. assumiet l-atti ta' din il-kawza**

**Vs**

**Philip Cauchi u b'digriet tad-29 ta' Novembru 1999, Gemma Cauchi giet kjamata in kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm555.48 (hames mija u hamsa u hamsin lira maltin u tmienja u erbghin centezmu) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni man-numru tat-telefon 461094 (skond kif jirrizulta mill-statement anness mal-avviz Dokument A) liema servizz gie stallat fil-fond fuq imsemmi skond ma kif

jidher mill-kopja tas-service agreement annessa mal-avviz Dokument B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Dicembru 1996, t-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Kif ukoll rat iz-zewg dokumenti a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ integrita’ ta’ gudizzju peress illi mart l-eccipjenti Gemma Cauchi ma gietx imharrka hi wkoll biex twiegeb ghall-azzjoni attrici. Dan huwa aktar necessitat stante l-proceduri ta’ separazzjoni pendenti bejn l-eccipjenti u l-imsemmija martu.

2. Fil-meritu l-Korporazzjoni attrici ghandha tipprova l-ammont minnha mitlub.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digrieti hawn fuq imsemmija u moghtija fid-29 ta’ Jannar 1998 u fid-29 ta’ Novembru 1999 (fol 12 u fol 24 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti a fol 26 u fol 28, il-konvenuta, kjamata in kawza, avolja notifikata, bl-ebda mod ma kkontestat it-talba attrici kif ukoll lanqas ma dehret quddiem din il-Qorti waqt xi seduta li nzammet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi s-socjeta attrici pproduciet lill-<u>Prokuratur Legali Noel Scerri</u> (fol 30, fol 36 u fol 42 et seq ibid) li kkonferma kemm id-dokument a fol 3 tal-atti kemm li l-ammont

specifikat fl-avviz kien ghadu dovut lill-istess socjeta attrici, da parti tal-konvenut. Inoltre, in sostenn ta' dan, hu pprezenta l-kont dettaljat (fol 38 ibid) li minnu jidher li l-ammont hemm dovut hu akbar min dak pretiz fl-avviz, ghar-raguni hemm indikati. Hawnhekk ix-xhud ppreciza li f'dan id-dokument hemm imnizzel l-ammont ta' Lm43.10,0 li jikkonsisti fl-ispejjes sabiex tigi intavolta din il-kawza. Inoltre kien minnu ukoll li l-linja involuta kienet giet sospiza, f'data li ma setghetx tigi pprecizata. Fl-ahhar nett gie presentat kont iehor kontenenti aktar dettalji minn dak precedenti (fol 42 sa fol 66 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, meta xehed (fol 33 et seq ibid) semma li kien hemm ftehim bejnu u martu, dwar l-uzu tal-linja in kwistjoni, kif spjegat fl-istess xhieda u filfatt hu jsostni li martu, Gemma, kellha thallas il-kontijiet telefonici a basi ta' dan il-ftehim bejniethom. Jidher li dan il-ftehim kien sar peress li avolja hu u martu kienu jirrisjedu fl-istess post, kienu ghaddejjin proceduri ghas-separazzjoni legali bejniehom. Fl-ahharnett, hu esebixxa id-dokument a fol 35 ibid li jidher li jikkonsisti f'kalkolu maghmul mill-istess socjeta attrici dwar l-ammont ossija bilanc ghadu dovut mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi wara li l-Qorti rat li l-ammont ta' Lm43.10,0 ma hux inklus f'dak pretiz fl-avviz u wara li rat li dak li kien miftiehem bejn il-konvenuti ghandu jigi konsiderat bhala "res inter alios acta" u bl-ebda mod ma jorbot lis-socjeta attrici, li kienet estranea ghal dan il-ftehim, dak eccepit mill-konvenut ghandu jigi michud waqt li t-talba attrici ghanda tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm555.48,0 bl-imghax legali mis-sitta (6) ta' Dicembru 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru

1996 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet profesjonali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------